**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 330/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley, Spettur Elisia Scicluna)**

**vs**

**Mahmoud Ahmed a/k/a Sam IBRAHIM**

**Illum, 15 ta' Mejju 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-20 ta' Settembru 2023 fil-konfront ta' **Mahmoud Ahmed a/k/a Sam IBRAHIM** ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, imwieled l-Eġittu fl-1 ta' Ottubru 1997, bin Ahmed u Nora nee` Adalla u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 140174(A), li ġie mixli talli:

B'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Nhar it-28 ta' Diċembru 2022 bejn nofs il-lejl u t-3:00 ta' filgħodu minn ġewwa l-fond 'Sicilian Food', Triq il-Marina, Msida, ikkommetta serq ta' flus kontanti, u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-ħin, u bil-mezz, liema ammont jeċċedi l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Calarco Roby u/jew persuna/i oħra jew kumpanija/i oħra;

2. Nhar it-12 ta' Jannar 2023 bejn it-3.30 ta' filgħodu u l-5.00 ta' filgħodu minn ġewwa l-fond 'Tazza Te', Triq San Luqa, Ħamrun, ikkommetta serq ta' flus kontanti, żewġ *tablets* u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-ħin u bil-mezz, liema ammont ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Rachel Borg u/jew persuna/i oħra jew kumpanija/i oħra;

3. Nhar l-14 ta' Jannar 2023 bejn in-12.30 ta' filgħodu u s-2.00 ta' filgħodu minn ġewwa l-fond 'Coach and Horses' fi Triq il-Wied, Msida, ikkommetta serq ta' flus kontanti, *laptop, mobile phone* u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-ħin u bil-mezz, liema ammont jeċċedi l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Djurasic Sascho u/jew persuna/i oħra u/jew kumpanija/i oħra;

4. Naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Malta) u ċioe' mill-Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. mid-digriet datat l-1 ta' Awwissu 2022 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur tal-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta, kif ukoll tordna

r-ri-arrest tiegħu ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li titratta mal-imputat bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat għal reati, b'sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija, minbarra l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 20, 31, 49, 50, 261(b)(ċ)(f), 263(a), 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(a), 280(2), 289 u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat (illum appellat), fuq ammissjoni tiegħu stess u a bażi tal-provi prodotti, ħati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, iżda in kwantu jirrigwarda l-kwalifika tal-valur f'dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, sabet li l-valur ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.37, ħati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u sabet li huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kkundannatu għall-perijodu ta' tmienja u għoxrin (28) xahar priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' priġunerija impost fuq l-imputat, kellu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti ma rrevokatx id-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 1 ta' Awwissu 2022 u ma ordnatx ir-ri-arrest tal-imputat iżda, ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li s-somma ta' €1,000 imposta bħala depożitu fid-digriet ta' l-1 ta' Awwissu 2022, tiġi konfiskata a favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lill-imputat illi sabiex ikun jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilu konċess bid-digriet mogħti fl-1 ta' Awwissu 2022, wara l-konfiska tad-depożitu ta' €1,000, huwa jkollu jerġa' jiddepożita l-ammont hekk konfiskat u jerġa' jagħmel garanzija għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li jagħmel dan huwa ma jkunx qed jottempera ruħu ma' dak fuqu impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk ikun qed jirrendi lilu nnifsu soġġett għar-ri-arrest tiegħu sakemm jiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilu konċess.

Peress illi rriżulta li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħdet lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perjodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet tal-Ordni ta' Trattament mogħti dakinhar stess, liema digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta' Trattament ġie magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u kura kollha meħtieġa, inkluż li jsegwi, jekk ikun il-każ, programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga fuq bażi residenzjali, sabiex jirriabilita ruħu mill-vizzju ta' l-abbuż ta' droga.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilita` tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioe` li f'tali eventwalita` l-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati esperti, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza billi talab sabiex din il-Qorti jogħġobha "*tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li:*

   *i) **Tikkonfermaha** f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' imputazzjoni inkluz l-addebitu tar-recediva u dik il-parti fejn inghatat Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat;*

   *ii) **Tħassarha** u **tirrevokaha** fil-parti fejn fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ddikjarat li inkwantu tal-kwalifika tal-valur f'din l-imputazzjoni, tali valur ma jeccedix is-somma ta' €2,329.37 u minflok issibu hati ta' din l-imputazzjoni bil-kwalifika tal-valur li jeccedi s-somma ta' €2,329.37 kif provduta taħt l-artikolu 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tinfliggi piena skont il-ligi.*"

## D. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

4. Illi fl-udjenza miżmuma nhar l-20 ta' Frar 2024, il-Qorti semgħet lill-partijiet jitrattaw ir-rikors tal-appell.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-12 ta' Jannar 2023, il-Pulizija tad-Distrett tal-Ħamrun ġew infurmati illi għall-ħabta tat-3.30 a.m., xi ħadd kien daħal ġewwa l-ħanut bl-isem ta' 'Tazza Te', li jinsab ġewwa l-Ħamrun. Huma marru fuq il-post, fejn sabu lil Rachel Borg (detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 300885(M)), li stqarret magħhom kif mill-ħanut kienu nsterqu madwar elf u mitejn ewro (€1,200) u żewġ *tablets*. Mill-filmati tas-*CCTV cameras* li ġew elevati mill-Pulizija, rriżulta illi l-malvivent kien ta' sess maskili, li daħal bi sgass ġewwa l-ħanut in kwistjoni. Imbagħad, nhar l-14 ta' Jannar 2023, daħal rapport lill-Pulizija, illi kienet seħħet serqa fil-ħanut 'Coach and Horses' li jinsab fil-Wied tal-Imsida. Il-Pulizija marru fuq il-post u tkellmu ma' Sasko

Djurasic (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 183491(A)), li stqarr magħhom illi meta huwa mar sabiex jiftaħ il-ħanut, induna li kienu naqsuh madwar elfejn ewro (€2000) fi flus kontanti, *laptop* u telefon ċellulari tal-għamla Samsung. Il-Pulizija elevaw ukoll numru ta' filmati tas-*CCTV cameras* mil-liema rriżultalhom illi l-malvivent kien ta' sess maskili, li kien liebes ġakketta ċara, qalziet tal-*jeans* imqatta' u żarbun ta' lewn abjad.

5. Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta kif il-malvivent tas-serqa ġewwa 'Tazza Te' fil-Ħamrun, kien liebes ħwejjeġ simili bħal malvivent li daħal jisraq ġewwa l-ħanut 'Coach and Horses'. Sussegwentement, l-Ispettur Elisia Scicluna mill-Għassa tal-Ħamrun, infurmat lill-Ispettur Jonathan Ransley, kif kellha informazzjoni kunfidenzjali illi l-malvivent seta' kien ċertu Ibrahim. Minn hemm l-Ispettur Ransley ivverifika mal-Ispettur Karl Roberts min-naħa tal-immigrazzjoni, u mal-awtoritajiet tal-ħabs, illi r-ritratti li kellhom kienu tal-appellat u fuq skorta ta' mandat ta' arrest u tfittxija maħruġ mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo, nhar il-15 ta' Jannar 2023, prosegwew bl-arrest ta' IBRAHIM, li ġie nterrogat mill-Pulizija nhar is-16 ta' Jannar 2023. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa ammetta għaż-żewġ serqiet in kwistjoni[1], oltre illi ammetta wkoll l-involviment tiegħu f'serqa oħra li seħħet fil-ħanut 'Sicilian Food' ġewwa l-Imsida, minn fejn insterqu madwar erba' mitt ewro (€400).[2]

6. Illi nhar is-17 ta' Jannar 2023, l-appellat tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2023 miżmuma quddiem dik il-Qorti, huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu, u kif ingħad, fl-20 ta' Settembru 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat is-sentenza appellata fil-konfront tiegħu.

7. Illi fl-appell interpost minnu, l-Avukat Ġenerali jilmenta mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għaliex filwaqt li l-istess Qorti sabet lill-appellat ħati fir-rigward tat-tielet

---

[1] In kwantu għas-serq minn ġol-fond 'Coach and Horses', madankollu, huwa stqarr illi ħa tliet mitt ewro (€300) mill-*cash, laptop* u *mobile phone* tal-għamla Samsung. In kwantu għas-serq mill-fond 'Tazza Te', huwa jgħid illi seraq żewġ *tablets* u xi mitejn u ħamsin ewro (€250) mill-*cash register* (a fol. 19 tal-proċess).

[2] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jonathan Ransley, a fol. 26 *et seq* tal-proċess u l-istqarrija tal-appellat, a fol. 18 *et seq* tal-proċess; ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Elisia Scicluna, a fol. 35 *et seq* tal-proċess.

imputazzjoni, in kwantu l-kwalifika tal-valur, sabet illi dan ma jeċċedix is-somma ta' elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan minkejja illi l-appellat irreġistra ammissjoni inkondizzjonata anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, li tirreferi għar-reat ta' serq aggravat *inter alia* bil-valur li jeċċedi l-imsemmija somma, kif ukoll għaliex Sasko Djurasic xehed illi fil-fond in kwistjoni, ossia 'Coach and Horses', huwa sab neqsin *laptop* u elfejn ewro (€2,000) fi flus kontanti. L-Avukat Ġenerali jsostni illi l-ewwel Qorti ma setgħet tasal qatt għall-konklużjoni illi l-valur tar-*res furtiva* ma kienx jeċċedi s-somma msemmija, b'dan ukoll għalhekk illi l-appellat kellu jinstab ħati taħt l-Artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali bil-konsegwenza illi l-piena nflitta kellha tkun ogħla u mhux dik li jipprovdi għaliha l-Artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali.

8. Illi jiġi rilevat illi f'dan il-każ, l-ammissjoni tal-appellat ma kinitx waħda bikrija iżda saret wara diversi seduti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, matul liema seduti nstemgħu diversi xhieda. Jirriżulta illi fis-seduta miżmuma nhar is-16 ta' Mejju 2023, xehed Sasko Djurasic, li jgħid illi bħala riżultat tas-serqa in kwistjoni, mill-istabbiliment '*Coach and Horses*', instabu neqsin *laptop,* li l-għamla tiegħu ma kienx jafha eżattament, u illi ma kienx ġdid, iżda kellu xi ħames snin fuqu, kif ukoll flus kontanti fis-somma ta' elfejn ewro (€2,000), li kienu jinsabu f'*portfolio* flimkien mal-karta tal-identita` Maltija tax-xhud, il-liċenzja tas-sewqan Taljana tiegħu u *card* tar-*Revolut,* li nsterqu wkoll.[3] Hawnhekk il-Qorti żżid illi mir-rapport redatt minn PS 455 Gabriel Bugeja, li xehed f'dawn il-proċeduri u esebixxa l-istess rapport, jirriżulta illi mill-istess stabbiliment insteraq ukoll *mobile phone* tal-għamla Samsung u flixkun '*Tequila*'. Jirriżulta in oltre mill-istess rapport illi l-valur taċ-ċellulari ġie ndikat bħala tlett mitt ewro (€300), u l-valur tal-*laptop* ġie indikat bħala mitt ewro (€100).[4] Għalkemm il-vittma tas-serqa in kwistjoni, Sasko Djurasic, ma semmiex illi ġie misruq ukoll *mobile phone* fix-xhieda tiegħu, fl-istqarrija rilaxxjata mill-appellat, għall-mistoqsija "*Hatt ukoll mobile ta l-ghamla Samsung, naqblu?*" u dan b'referenza għas-serqa in kwistjoni, l-istess appellat iwieġeb fl-affermattiv.[5]

---

[3] Ara a fol. 71 tal-atti proċesswali.
[4] Ara a fol. 65 *et seq* tal-proċess.
[5] A fol. 19 tal-proċess.

9. Dwar dan, l-ewwel Qorti qieset illi kellha ssib lill-appellat ħati tat-tielet imputazzjoni, b'dan illi in kwantu l-valur, dan ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.27 u dan wara li qieset illi Djurasic xehed illi nsteraqlu *computer* li pero` kien ilu mixtri aktar minn ħames snin u ma tax valur tiegħu, u nsterqulu wkoll flus fl-ammont ta' €2,000.

10. Fir-rigward din il-Qorti tqis illi minkejja illi ma saritx il-prova skont il-liġi tal-valur tal-*laptop* u tal-*mobile phone* misruqa mill-appellat mill-fond in kwistjoni tramite x-xhieda tad-derubat jew xort'oħra, l-appellat ammetta għat-tielet imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu, b'dan għalhekk illi tali ammissjoni għamlet il-prova li trid il-liġi. Kien ikun xort'oħra li kieku, minkejja tali ammissjoni, kien jirriżulta b'mod ċar illi l-valur tal-oġġetti derubati mill-istess fond ma kienx jeċċedi s-somma ta' €2,329.37, f'liema każ, l-ewwel Qorti kienet tkun korretta illi twarrab l-ammissjoni tal-appellat u tipproċedi sabiex issibu ħati ta' serq ta' oġġetti b'valur li ma jeċċedix din is-somma. In kwantu l-ewwel imputazzjoni, li dwarha l-Avukat Ġenerali ma nterpona l-ebda appell, l-ewwel Qorti fil-fatt kienet korretta meta ddeċidiet illi la darba mill-provi prodotti rriżulta ċar illi l-valur tar-*res furtiva* kien inqas mis-somma ta' €2,329.37, minkejja l-ammissjoni tal-appellat anke fir-rigward, huwa ma setax jinstab ħati ta' serq f'valur li jeċċedi dik is-somma.

11. Illi għalhekk l-Avukat Ġenerali għandu raġun fl-aggravju mqajjem minnu, li jfisser illi jeħtieġ li l-piena nflitta tiġi varjata sabiex tirrifletti serq b'valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37, fit-termini tal-Artikolu 279(b), flimkien mal-Artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, b'dan għalhekk illi:

1. Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu l-appellat instab ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, u r-raba' imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-reċidiva fit-termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll in kwantu l-ewwel imputazzjoni, għal dak li jirrigwarda l-valur,

bil-kwalifika tal-valur li ma jeċċedix is-somma ta’ elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

2. Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma ġiex revokat id-digriet tal-ħelsien mill-arrest datat l-1 ta’ Awwissu 2022 u ma ġiex ordnat ir-ri-arrest tal-appellat, iżda ġie ordnat illi s-somma ta’ elf ewro (€1,000) imposta bħala depożitu fid-digriet tal-1 ta’ Awwissu 2022 tiġi konfiskata favur il-Gvern ta’ Malta, inkluż it-twissija tal-ewwel Qorti lill-appellat sabiex ikun jista’ jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilu konċess bid-digriet mogħti fl-1 ta’ Awwissu 2022;

3. Tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza, li permezz tagħha l-appellat tqiegħed taħt Ordni ta’ Trattament għall-perjodu ta’ tlett (3) snin mid-data ta’ dik is-sentenza, taħt il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet ta’ l-Ordni ta’ Trattament tal-ewwel Qorti tal-istess jum, u dan sabiex l-appellat jingħata t-trattament u kura kollha meħtieġa, inkluż li jsegwi, jekk ikun il-każ, programm ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga fuq bażi residenzjali, sabiex jirrijabilita ruħu mill-istess vizzju;

4. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz tagħha l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

5. Tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f’dik il-parti fejn in kwantu għat-tielet imputazzjoni, l-ewwel Qorti ddikjarat illi rigward il-kwalifika tal-valur, tali valur ma jeċċedix is-somma ta’ elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u minflok issib lill-appellat ħati ta’ din it-tielet imputazzjoni bl-aggravju tal-valur illi jeċċedi s-somma ta’ elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), biex għalhekk tħassar l-istess sentenza wkoll in kwantu kkundannat lill-appellat għal piena ta’ tmienja u għoxrin (28) xahar priġunerija effettiva, u wara li rat l-Artikoli 17(b), 18, 49, 50, 261(b), 261(c), 261(f), 263(a), 267, 270, 278(1), 278(3), 279(a), 279(b), 280(2), 289 u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah minflok għal piena ta’ erbgħin (40) xahar priġunerija effettiva.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**